Imla l-vojt f'dan il-paragrafu billi tikteb aġġettiv li jaqbel man-nom.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| kwiet | kbira | bnin | sofor | żgħir | ħomor |
| għolja | tqal | mdaqqsa | tajjeb | ikkuluriti | sabiħ |

Dakinhar li l-familja ta' Clara marret il-piknik, kien hemm ħafna nies il-Buskett u kien hemm xi storbju wkoll. Għalhekk huma sabu post għall-__________________ u qagħdu hemm. Viċin tagħhom kien hemm siġra tassew _________________ u ħafna ġebel _________________. Ftit 'il bogħod minnhom setgħu jaraw xi fjuri __________________ u ________________. Malli qabadhom il-ġuħ bdew jieklu imma wara ftit ħin ħadu sorpriża _______________________. Huma raw liz-zijiet u l-kuġini l-oħrajn resqin lejhom. Kienu waslu z-ziju Thomas u z-zija Christine flimkien mal-kuġini Mikela u Matthew. Kemm ferħu malli rawhom! Huma kienu mgħobbijin sa ruħ ommhom u kellhom żewġ basktijiet

________________________ mimlijin ikel. Huma ġabu wkoll gverta

___________________ biex ikunu jistgħu joqogħdu bilqiegħda fuqha. Kellhom ukoll brieret _____________________ f'rashom minħabba x-xemx. Iz-zija kienet għamlet ftit ħelu ______________________ kif taf tagħmel hi għal għeluq snin in-nanna, fosthom kejk tassew _______________________ u

_____________________.

LIVEWORKSHEETS



LIVEWORKSHEETS

LIVEWORKSHEETS